



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Jannar 2024
(OR. en)

16886/23

LIMITE

CORLX 1158
CFSP/PESC 1710
MAMA 200
COARM 336
FIN 1333

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna
għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon
u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-2 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009¹.
- (2) Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 tipprevedi perjodu ta' implimentazzjoni ta' 36 xahar għall-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tagħha mid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3) tagħha.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/2276² estendiet il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 bi 13-il xahar, sat-23 ta' Jannar 2024.
- (4) L-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) talbet estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 b'6 xhur, sal-21 ta' Lulju 2024, meta jitqies id-dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-proġett skont id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna.
- (5) Il-kontinwazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009 sal-21 ta' Lulju 2024 tista' titwettaq mingħajr ebda konsegwenza fir-rigward tar-riżorsi finanzjarji.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009 tat-2 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L 312, 3.12.2019, p. 42).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2009 tat-2 ta' Diċembru 2019 b'appoġġ għall-isforzi tal-Ukrajna għall-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu ta' armi, munizzjon u splussivi, f'kooperazzjoni mal-OSKE (ĠU L 312, 3.12.2019, p. 42).

- (6) It-talba għal estensjoni jenħtieġ li tiġi aċċettata billi jiġi emendat l-Artikolu 5(2) tad-Deċiżjoni (PEŠK) 2019/2009 skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:



Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni (PESK) 2019/2009, l-Artikolu 5, il-paragrafu 2, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fil-21 ta' Lulju 2024."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
